*Danni kawżati minn reat kriminali ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap. 9*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Ġunju, 2023**

**Numru 10**

**Rikors Numru 80/19TA**

**Mark Farrugia KI 0014775M**

**vs**

**Joseph Scicluna KI 316465M u Rosaria Scicluna KI 512360M għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mark Farrugia (l-Attur) preżentat fid-29 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti kien involut f'inċident li seħħ fil-31 ta' Ottubru 2018 ġewwa Ta' Dnat il-limiti tar-Rabat (Malta) f'liema inċident l-intimat Joseph Scicluna spara tir ta' senter lir-rikorrenti u per konsegwenza, l-istess attur kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Illi l-attur qala' wkoll daqqiet ta' marloġġ f'rasu waqt l-inċident;

2. Illi dwar dan il-każ, l-intimat qed jiffaċċja proċeduri ta' attentat ta' omiċidju volontarju;

3. Illi minħabba f'illi l-esponenti sofra tiri ta' arma tan-nar, senjatament senter, huwa ġarrab feriti gravissimi u għandu anke debilita permanenti kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża;

4. Illi kawża ta' dawn il-feriti gravissimi, ir-rikorrenti sofra danni attwali u anke futuri tat-tip lucrum cessans;

5. Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża.

Għalhekk, jgħidu l-konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li fl-inċident li seħħ fir-Rabat (Malta) fil-31 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrenti sofra feriti gravissimi u għandu debilita permanenti u dana meta l-intiat spara lejh tir ta' arma tan-nar senter u anke tah daqqiet b'marloġġ;

2. Tillikwida d-danni sofferti jekk meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tordna lill-intimati jħallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż, bl-imgħax mill-presentata taċ-ċitazzjoni, u b'hekk il-konvenuti jibqgħu nġunti għas-subizzoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Joseph u Rosaria Scicluna (il-konvenuti) preżentata fis-26 ta' Frar 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:-

1. "Fl-ewwel lok, l-intimata Rosaria Scicluna għandha tiġi liberata mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju in kwantu ma kienet, u ma hija, b'ebda mod konnessa mal-avvenimenti li seħħew nhar il-31 ta' Ottubru 2018.

2. Fit-tieni lok, kwalunkwe responsabbiltà addebitata lill-esponenti qegħda tiġi respinta, u dan għar-raġunijiet li sejrin jirriżultaw fil-kawża.

3. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ma sofra l-ebda danni, u għalhekk, it-talba tiegħu hija fattwalment u legalment infondata.

4. Fir-raba lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, sejjer jirriżulta fis-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat illi jekk ir-rikorrenti tassew sofra xi danni, ma jistgħax jitlob riżarċiment mingħand l-intimati billi tali danni kienu riżultat biss tal-aġir illegali u maġġiorment kontributorju tiegħu stess.

5. Fil-ħames lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost partikolarment għat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet premessi, kwalunkwe danni li seta' b'xi mod sofra r-rikorrenti, jekk jirriżultaw, f'kull każ, ma jaħtux

għalihom l-esponenti u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

6. Fis-sitt lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, f'kawżi ta' din ix-xorta u in vista tat-tieni talba tar-rikorrenti, l-imgħaxijiet ma jistgħux jintalbu mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat odjern.

7. Fis-seba' lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-ħtieġa, u b'riżerva ċara għal kull azzjoni spettanti lill-intimati, skont iċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, illi jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' April 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Punti ta' fatti

**1.** B'din il-kawża l-Attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-Konvenuti jħallsu d-danni. L-Attur, jgħid li dawn id-danni ġew kaġonati b'konsegwenza ta' "feriti gravissimi" li sofra f'rasu u ġenbu tax-xellug. Dawn wara li, fil-31 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tal-ħamsa nieqes kwart ta' filgħodu, ġewwa Ta' Dnat il-limiti tar-Rabat (Malta), il-Konvenut Joseph Scicluna tah daqqiet ta' marloġġ f'rasu u sparalu tir b'senter, bil-mod li jispjega fix-xhieda tiegħu a' fol 18 (ara wkoll ritratti tal-feriti mġarrba a' fol 49, 50, 264 u 265).

**2.** Dwar dan il-każ, ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra l-konvenut fejn qed jiġi akkużat, inter alia, b'attentat ta' qtil volontarju. Jidher li dawn il-proċeduri għadhom fi stadju ta' provi prosekuzzjoni (ara xhieda Spettur James Grech a' fol 36 et seq u fol 328 et seq).

**Punti ta' Liġi**

**3.** F'dawn il-proċeduri, id-danni reklamati mill-Attur huma dawk imnissla minn reat kriminali a tenur tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 9. B'din il-kawża, r-rikorrenti qiegħed għalhekk jipproponi l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż tal-Konvenut.

**4.** L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħadd ieħor b'għemilha. Fir-rigward ta' dawn iż-żewg artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara." (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

**5.** Sabiex azzjoni bħal din tista tiġi invokata b'suċċess, ir-Rikorrenti jrid jipprova n-ness jew rabta tad-danni intrinsikament mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li "*Kif*

*inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili.*" (ara **Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

**6.** Kif ġie kemm-il darba ribadit, il-proċeduri kriminali m'għandhomx impatt determinanti u ma jinċidux fuq il-jedd tal-Attur li jinqeda bir-rimedju ċivili mogħti bl-azzjoni hawn istitwita. Difatti l-azzjoni ċivili ma tiġix sospiża sakemm tiġi determinata l-ħtija tal-akkużat u tista' tirnexxi anke jekk l-akkużat jiġi liberat fil-proċess kriminali. Dan minħabba li l-piż tal-prova rikjesta f'kull waħda minnhom huwa differenti: F'azzjoni ċivili, l-qorti hija msejħa biex, fuq l-iskorta tal-provi mressqa quddiemha ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap. 12, tiddeċiedi tilqax jew le it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut <u>fuq bażi ta' probabbilitá</u>. F'azzjoni kriminali, l-qorti hija msejħa biex tiddeċiedi, fuq l-iskorta tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, jekk l-akkużat huwiex ħati <u>oltre d-dubju dettat mir-raġuni</u> u għandha tilliberah jekk jissussisti dan id-dubbju.

**7.** Din id-distinzjoni hija riflessa fi tlett artikoli tal-Kodiċi Penali: i) l-imsemmi artikolu 3 li espressament jissepara ż-żewġ azzjonijiet; ii) it-tifsira ta' azzjoni kriminali taħt l-artikolu 4(1) bħala waħda mhux privata, jiġifieri tal-vittma (bħalma hi azzjoni ċivili li hija azzjoni privata tal-attur), iżda "*essenzjalment pubblika*" li "*tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat*

*Ġenerali, kif ikun il-każ skont il-liġi*"; u (iii) dak li jiddisponi l-artikolu 6 tal-Kap. 9 li "*l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jtmexxew indipendentement waħda mill-oħra*":

"*Il-Ligi taghna taghmel distinzjoni netta bejn iz-zewg tipi ta' azzjoni li jitnisslu mill-istess reat izda jimxu indipendentement minn xulxin, bi kriterji differenti li japplikaw ghall-piz probatorju. Fil-kamp kriminali l-prova trid tkun oltre kull dubbju ragjonevoli filwaqt li fil-kamp civili huwa bizzejjed li l-prova ssir skont il-grad inqas rigoruz tal-bilanc ta' probabilita'.*

*Ghaldaqstant hija wisq possibbli li akkuzat li jinheles mill-akkuzi migjuba kontrih fil-forum kriminali minhabba li l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-kaz sal-grad rikjest xorta jinstab li hu responsabbli ghad-danni fil-forum civili.*

*Din id-distinzjoni ssib espressjoni elokwenti u semplici fl-artikolu 3 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. ... Minn dan l-artiklu jitnissel ukoll l-iskop ewlieni taz-zewg toroq procedurali, is-sejba ta' htija tal-akkuzat, u l-hlas tal-hsara kkagunata bir-reat rispettivament.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Carmel Aquilina -vs- Il-Kummissarju tal-Pulizija et, Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), tal-31 ta' Jannar 2019**).

**8.** Madanakollu u minkejja li ż-żewġ proċeduri għandhom jinżammu separati, il-ġudizzju in sede penale u l-atti, dokumenti u x-xhieda kollha mressqa quddiem din is-sede, jistgħu jinġiebu bħala prova fil-proċeduri

ċivili sabiex dik il-Qorti, fis-sede ċivili tagħha, tikkunsidrahom flimkien mal-bqija tal-atti, dokumenti u x-xhieda l-oħra mressqa quddiemha:

"*Fid-decizjoni li tat din il-Qorti diversament ippreseduta fl-1 ta` Dicembru 1955 fil-kawza '**Carmelo Camilleri vs Gejtu Cassar**' inghad hekk :-*

*illi huwa veru li, in vista tal-indipendenza ta` l-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-provi testimonjali prodotti fil-proceduri kriminali ma jistghux jigu utilizzati ghall-finijiet tal-kawza civili, jekk ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, izda skond il-gurisprudenza f` din il-materja, dan id-divjet huwa applikabbli fil-kaz ta` provi testimonjali li ma jkunux gew riprodotti fil-kawza civili (Kollez XXVI-I-885 u XXIX-I-811) b` mod illi, jekk dawn il-provi jergghu jingiebu fil-proceduri civili, kif inhu l-kaz, xejn ma ghandu jimpedixxi lill-Qorti Civili li, ghall-fini tal-konfront u tal-attendibbilita` ta` dawk il-provi, taghmel uzu anki mill-provi migjuba quddiem il-Qorti Kriminali. Mill-principju sancit fl-art 6 tal-Kodici Penali Malti, jigifieri tal-indipendenza tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni civili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti u dawk tal-azzjoni kriminali, anki ex integro, quddiem il-Qorti Kriminali, pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi ghall-fini tal-attendibilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformement ghar-regola generali relattiva ghall-provi, tista` tigi prodotta f` kawza civili, li tkun ghada pendenti, kopja awtentika ta` sentenza moghtija minn Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti u dan anki in forza ta` l-artikolu 627(1)(e)*

*tal-Kodici tal-Procedura Civili. F` dan is-sens hija l-gurisprudenza taghna (Kollez VI pag 143, col 2da). Del resto, jidher illi l-legislatur huwa favorevoli ghall-konfront tad-diversi dikjarazzjonijiet maghmula mix-xhieda kif jirrizulta mill-art 583 u 585 (1) tal-Kodici fuq imsemmi.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Angelo Xuereb et -vs- L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), tat-30 ta' Mejju 2017**).

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

**9.** Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari Rosaria Scicluna ssostni li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu ma kienet u ma hija b'ebda mod konnessa mal-avvenimenti li seħħew nhar il-31 ta' Ottubru 2018. Dan ma ġiex kontestat mill-Attur li dejjem sostna li l-ġrieħi ġew lilu kaġonati unikament mill-Konvenut Joseph Scicluna.

**10.** Imma anke kieku stess, mill-provi ma jirrisulta b'ebda mod li hija kienet komparteċipi jew kompliċi fl-att delittwali li wettaq żewgha. L-awtur taljan Gorgio Giorgi jgħid hekk f'dan ir-rigward:

"*La complicita' civile e` piu estesa dalle penale ed abbraccia qualunque cooperazione al danneggiamento stato o no concerto precedenti, sia o no possibile di determinare la parte di ciascun complice, bastando il prendere parte anche secondaria agli atti che preparono ed assicurarono l'offesa".* (**Giorgio Giorgi, Delle Obbligazioni Vol. V. n.192. pg 282**).

**11.** Biex il-Qorti tkun tista' ghalhekk, tikkundanna lill-Konvenuta għad-danni kien hemm ħtiega li anke fil-konfront tagħha jesisti n-ness kawżali li jorbotha mal-inċident mertu tal-Kawża (ara **Sentenza fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta -vs- Joseph Vassallo et**). Biex il-Konvenuta tiġi tenuta responsabbli ċivilment għall-ħsara li sofra l-Attur irid ikun hemm xi xorta ta' prova diretta jew indiretta li jorbtuha mal-att delittwali li wassal għal din il-ħsara (Ara ukoll **Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet MIB Insurance Brokers (Malta) Ltd -vs- Maria Camilleri pro et tas-26 ta' Ġunju 2015**). Il-Qorti tifhem li din il-konvenuta ġiet ċitatha fil-kawża għas-sempliċi raġuni li hija ko-partecipi fil-kommunjoni tal-akkwisti mal-Konvenut Joseph Scicluna. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili jitkellem ċar: li fost "id-djun li jmorru fuq il-kommunjoni tal-akkwisti hemm kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ <u>meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda</u>". (Emfażi tal-Qorti).

**12.** Għalhekk fid-dawl tar-raġunament imsemmi, it-talbiet attriċi fil-konfront tal-Konvenuta ser ikunu qegħdin jiġu miċħuda.

<u>*Il-mertu*</u>

**13.** Il-Qorti sejra issa tikkonsidra l-mertu billi tiddetermina jekk, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, l-attur seħħlux jipprova ai fini tal-imsemmi artikolu 562 tal-Kap. 12 li tassew il-Konvenut kkommetta fil-konfront tiegħu dan ir-reat kriminali li kkawża id-danni pretiżi.

**14.** Ix-xhieda mogħtija mill-Attur ma ġietx konfortata minn xhieda okulari. Madanakollu l-ġrieħi minnu subiti ġew konfermati mill-pulizija li ra u kellem lill-Attur dakinhar tal-inċident (ara xhieda Spettur James Grech a' fol 40). L-istess huma wkoll kompatibbli mal-verżjoni minnu mogħtija. L-iskartoċċ u s-senter instabu wkoll mill-Pulizija fil-post indikat mill-Attur (ara okkorrenza a' fol 43). Dan apparti li x-xhieda tal-Attur ma ġietx kontradetta mill-Konvenut li għażel li ma jixhidx, lanqas in subizzjoni, minkejja l-obbligazzjoni li saret mil-legali tiegħu (ara verbal tal-udjenza tat-18 ta' Novembru 2019 a' fol 279 u verbal 3 ta' Lulju 2020 a' fol 302). Il-verzjoni mogħtija mill-Ispettur James Grech, dejjem kif qalilu l-Attur, hija sostanzjalment bħal dik rakkontata mill-Attur lil din il-Qorti (a' fol 36, 37 u 38).

**15.** Dawn iċ-ċirkostanzi jwasslu lil din il-Qorti għaċ-ċertezza morali, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, li d-debilitá reklamata mill-Attur hija tabilħaqq frott ta' reat kriminali kaġonat mill-Konvenut bil-mod rakkontat mill-Attur innifsu.

**16.** Din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' l-ewwel talba attriċi u tgħaddi biex tikkonsidra x-xorta tad-danni li qed jiġu reklamati mill-Attur.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**

**17.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum*

*emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**18.** Speċifikatament, *damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li *lucrum cessans* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*" Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti kif fuq ingħad, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (Ara Sentenza fl-ismijiet **Paul Debono -vs- Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

**19.** L-atti juru li l-Attur ma huwiex jirreklama danni attwali iżda biss telf ta' qliegħ futur. Huwa jgħid li konsegwenza tal-ġrieħi subiti b'din l-aggressjoni, huwa kellu jieqaf jaħdem bħala mastrudaxxa għal rasu, li allura qiegħed "mangia passigia" u jgħix bl-għajnuna tal-familja tiegħu filwaqt li qiegħed fil-proċess biex japplika għal xi benefiċċji mid-Dipartiment tas-Sigurtá Soċjali (ara xhieda a' fol 29 u 30).

**20.** Bħala prova ta' l-introjtu tiegħu, l-Attur preżenta dokument maħruġ mill-Jobs Plus fejn jindika li ġie hemm reġistrat bħala "full time carpenter" fit-23 ta' Ottubru 2018 jiġifieri 8 t'ijiem biss qabel ma sofra l-ġrieħi konsegwenza tal-aggressjoni tal-Konvenut (ara fol 259). Jirriżulta minn dokument ieħor ukoll maħruġ mill-Jobs Plus li dan l-impjieg intemm ftit iktar minn sena wara l-aggressjoni, preċiżament fit-22 ta' Novembru 2019 (ara Dok LBI a' fol 368). L-Attur ippreżenta wkoll żewġ dokumenti maħruġa mil-Ministeru għall-Finanzi fejn juru li l-Attur huwa reġistrat għall-għanijiet tal-Artikolu 11 tal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bin-numru 2577-7012 bħala persuna eżentata u li allura l-introjtu tiegħu ma jaqbiżx il-€35,000 (ara fol 260 u 261).

**21.** Ġie preżentat ukoll mill-Attur kopja ta' Rendikont Profit and Loss Account li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018 fejn hemm dikjarat li l-profitt nett tal-Attur kien ta' €1,269 (ara fol 262). Ma hemm xejn x'juri li dan ir-rendikont ġie sottomes mad-dipartiment tat-Taxxa. L-Attur ippreżenta wkoll tlett riċevuti maħruġa minnu kollha datati f'dik il-ġimgħa ta' qabel l-aggressjoni: 30 ta' Ottubru

2018 fl-ammont ta' €900 (a' fol 266), 29 ta' Ottubru 2018 fl-ammont ta' €520 (a' fol 267) u 25 ta' Ottubru 2018 fl-ammont ta' €390 (a' fol 268). Dawn l-ammonti magħduda flimkien jammontaw għal €1,810.

**22.** Fil-paragrafu 10 tan-nota tiegħu il-Konvenut jissottometti fuq "*in-nuqqas flagranti tar-rikorrenti li jressaq prova tal-introjtu tiegħu. L-esponenti umilment jissottomettu lli tali nuqqas jirrendi impossibli l-eżerċizzju ta' likwidazzjoni li r-rikorrenti qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tagħmel in kwantu tali eżerċizzju per neċessita jissejjes fuq il-formola pre-stabbilita fid-deċiżjoni portanti ta' Butler v. Hurd.*"

**23.** Huwa tabilħaqq minnu li r-rendikont u l-irċevuti preżentati mill-Attur ma jikkostitwux l-aħjar prova a tenur tal-artikoli 559 u 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Attur kellu jħarrek rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa sabiex jippreżenta prova ta' dħul tiegħu skont l-FS3 relattiva għal dik is-sena li fiha seħħ l-aggressjoni u s-sena ta' wara sakemm dam hekk reġistrat bħala mastrudaxxa. Dan l-Attur m'għamlux u lanqas ma pproduċa bħala xhieda lill-persuni mniżżla fl-irċevuti suppost maħruġa minnu l-ġimgħa ta' qabel tal-inċident sabiex jikkonfermaw il-veraċitá tal-istess.

**24.** Dan in-nuqqas minn-naħa tal-Attur iwassal lil din il-Qorti għal konklużjoni li dak dikjarat fir-rendikont u l-irċevuti preżentati minnu ma jirriflettix ir-realtá iżda ġew biss fabbrikati ai fini ta' din l-azzjoni. Dan speċjalment meta jitqies il-fatt li, <u>mid-9 ta' Jannar 2004 sat-23 ta' Ottubru 2018, jiġifieri sa ġimgħa qabel l-aggressjoni, l-Attur li kellu biss 44 sena</u>

fid-data tal-aggressjoni (ara xhieda fol 18), ma kien reġistrat li kellu l-ebda impjieg (ara Dok LB1 a' fol 368).

**25.** Jidher għalhekk l-Attur irreġistra lilu nnifsu mal-Jobs Plus bħala 'self-employed Carpenter' minn dik id-data, biss wara l-aggressjoni bl-iskop li jakkwista mill-Konvenut id-danni għall-ħsara tad-diżabilitá minnu subita konsegwenza tal-aggressjoni, kalkolata mill-esperti li tammonta għal 2% diżabilitá fl-għajnejn (ara rapport tal-espert oftalmiku a' fol 291), 15% disabilitá newroloġika (ara rapport tal-espert newrologu a' fol 320) u 18% diżabilitá fid-driegħ tax-xellug (ara rapport tal-espert ortopediku a' fol 278 recte 378).

**26.** Fir-raba' eċċezzjoni tagħhom il-Konvenuti jeċċepixxu li d-danni li qed jirriklama l-Attur huma b'riżultat biss tal-aġir illegali u maġġjorment kontributorju tiegħu. Il-Konvenut fil-kors tal-Kawża ma spjegax b'mod ċar fhiex kienet din il-kontributorjeta' imma presumibilment ir-referenza kienet għall-fatt li l-Attur kien qiegħed ibiegħ droga lit-tifel tal-Konvenuti. Fil-fatt il-Konvenut ressaq il-prova li ibnu kien jieħu l-kura għal dan il-vizzju (ara a' fol 370 u a' fol 371 u 372).

**27.** Iżda s-Supretendent James Grech jgħid li "*Fil-bidu tal-investigazzjoni kien hemm għidut, xnieha li Mark Farrugia* (attur) *kien qed jbiegħ jew jagħti d-droga lit-tifel ta' Joseph Scicluna* (konvenut). *U Joseph Scicluna kien qallu diversi drabi biex lit-tifel iħallieh kwiet.*"(a' fol 329) Kif ingħad, li t-tifel tal-Konvenut għandu problema tad-droga ġie anke kkonfermat mid-dokumenti preżentati minn Oswald Balzan (a' fol 344 file

aħdar, Christopher Mercieca a' fol 370 u Maria Caruana a' fol 372.). Imma meta l-Konvenut ressaq lill-Attur in kontro-eżami ma saret ebda mistoqsija f'dan ir-rigward imqar jekk il-Konvenut kienx qiegħed jixlih li kien qiegħed jagħti d-droga lill-ibnu.

**28.** Minn naħa l-oħra l-Attur jgħid li l-kawża tal-aggressjoni tal-Konvenut kienet għax sempliċiment tela' jixhed kontrih fil-kawża li fetaħ ħu l-istess Konvenut (ara xhieda a' fol 21 u fol 290 (recte 390) et seq). L-Attur li kellu biss 44 sena, ma kellu l-ebda impieg kredibbli reġistrat f'ismu u qatt ma spjega x'kienet l-għajn tal-entrojtu tal-għixien tiegħu. Li kien xi mastrudaxxa gwapp u li kien jaqla' jiekol minn hekk, din il-Qorti ma temmnux. L-anqas returns tat-taxxa ma esebixxa biex din il-Qorti tkun tista' tagħmel il-kalkoli tagħha.

**29.** L-unika prova ta' qliegh li għandha quddiemha din il-Qorti huwa d-dokument intitolat RENDIKONT PROFIT AND LOSS ACCOUNT li għal perjodu mill-1 ta' Ottubru 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018 qala' netti l-ammont ta' elf mitejn u disgħa u sittin ewro (€1269) (a' fol 262). Din hija l-istess sena li fiha seħħ l-inċident inkwistjoni. Ma jidhirx li qabel l-inċident kellu xi xorta ta' entrojtu. Għalhekk il-Qorti tifhem, li l-konvenut kien jaqla' circa sitt mija u erbgħin ewro (€640) fix-xahar. Dan ifisser, li b'kollox f'sena kien jaqla' circa sebgħat elef u sitt mija (€7600). Għalhekk, il-Qorti ai fini ta' kalkolu ta' danni, ser taħdem fuq dan l-ammont in mankanza ta' kull prova oħra li hija kredibbli u konvinċenti li kellu xi entrojtu ieħor.

**30.** Il-Qorti ma tista' qatt tgħid x'inhi l-verita'. L-unika ħaġa li għandha quddiemha hi, li l-inċident seħħ tassew u li kien il-konvenut li kkawża l-feriti fuq l-Attur u li kien hemm xi raġuni li spinġitu jasal biex iwettaq l-att. X'inhi din ir-raġuni li jafuha biss il-partijiet għal din il-Kawża u l-Ħallieq, li finalment ir-rendikont finali jridu jagħtuha lilu.

*Likwidazzjoni tad-danni*

**31.** Bħala *damnum emergens* ma jidhirx li x'jiġi likwidat. F'dan ir-rigward ta' telf attwali ma inġabet ebda prova.

**32.** F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu minn bosta kriterji.

**33.** L-ewwel li jrid jingħad hu li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf

il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident bħal ma fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Issa fil-kaz odjern inħatru tlett tobba biex jaslu għall-perċentwal ta' diżabilita permanenti sofferta mill-Attur: espert oftalmologu tal-Qorti sab 2% diżabilita' permanenti (a' fol 292). Newrologu li sab 15% (a' fol 323). Rapport ta' Mr Ray Gatt 18% (a' fol 283).

**34.** Peress li din il-Qorti għandha quddiemha multipliċita' ta' perċentwali, ikun floku li jiġi adoperat il-prinċipju tal-*weighted average.* F'dan ir-rigward issir referenza għad-**Deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Brian Micallef vs. Brian Tyre Services et**, fejn il-Qorti qalet hekk dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit il-*weighted average* meta persuna ssofri aktar minn debilità waħda konsegwenza ta' l-istess inċident: "*Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala weighted average, fejn id-*

*diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-weighted average, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat*".

**35.** Għalhekk skont il-*weighted average* li waslet għalih din il-Qorti, il-perċentwal ta' diżabilita' huwa ta' 12%.

**36.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata lill-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the*

*particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**37.** Huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirrientegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq. Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

*"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt*

*li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji"*.

**38.** Dan wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fid-deċizjoni fl-ismijiet Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** kienet qalet hekk: "*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat*." Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-*lump sum payment*. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-*lump sum payment* huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**).

**39.** Bħala multiplier ibbażat fuq l-eta' l-Qorti qieset li meta seħħ l-inċident l-Attur kellu erbgħa u erbgħin sena (44). Il-Qorti ser tqis li l-eta'

tiegħu sa dik ta' ħamsa u sittin sena (65) u ċioe' s-sena bil-pensjoni. Kwantu għal-*lump sum payment*, huma minnu illi l-kawża ilha għaddejja kważi ħames snin, imma l-Qorti tħoss li ma għandhiex tieħu in konsiderazzjoni l-ewwel sentejn tenut kont li kieku s-Sentenza ingħatat f'dan iż-żmien kien ikun altru minn raġjonevoli. Kull kawża trid iż-żmien tagħha biex tinstema' u tkun deċiża. Għalhekk 2% għal kull sena dewmien f'dan il-każ il-Qorti tikkonsidra li l-*lump sum payment* ta' 15% huwa ġust.

*Perċentwalita' ta' diżabilita permanenti*

**40.** Il-perċentwalita' ta' debilita' permanenti, skond it-tobba imqabbda minn din il-Qorti, jammonta għal 12% kif spjegat aktar 'l fuq. Il-Qorti hija ukoll tal-fehma li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, dak li ser jingħata issa, fil-ġejjieni ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad: "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa L-ammont li ser jingħata huwa fuq medda ta' 21 sena. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li jekk l-ammont li ser ikun likwidat jiġi miżjud b'6% biex jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni tkun ħaġa ġusta.

**41.** Għalhekk €7600 (salarju annwali) -//- 21 (numru ta' snin = €159,600 -15% (lump sum payment) = €135,660, 12% (rata ta' dizabilita') ta' €135,660 = €16,279 flimkien ma' €976 (6% inflazzjoni) = €17,255. Dan huwa l-ammont ta' danni dovuti lill-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi bil-mod segwenti:

**Tillibera** lill-konvenuta Rosaria Scicluna mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba Attrici** limitatament fil-konfront tal-konvenut Joseph Scicluna.

**Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet** attriċi billi tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' sbatax-il elf mitejn ħamsa u ħamsin ewro (€17,255) u tikkundanna lill-konvenut Joseph Scicluna iħallas is-somma hekk likwidata lill-Attur bl-imgħaxijiet mill-presenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-Konvenut Joseph Scicluna.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**